

Brussell, 21 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8870/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0152/B(COD)**

**CODEC 719
VISA 101
FRONT 187
MIGR 91
IXIM 89
SIRIS 48
COMIX 269**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, (UE) 2016/794, (UE) 2018/1862, (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għall-aċċess għal sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fis-17 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 16(2), 77(2), 78(2), 79(2), 87(2) u 88(2) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³.

¹ 8853/18 + ADD 1 sa ADD 3.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 154–157.

³ 7401/19

5. Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi.
6. Sussegwentement, fis-27 ta' Jannar 2021 il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ikkonferma l-qbil proviżorju u l-president tiegħu bagħat ittra fl-1 ta' Frar 2021 lill-president tal-Coreper fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill⁴ jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 5951/21, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 5951/21 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
8. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454⁵, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel id-29 ta' Mejju 2021.

⁴ Id-Danimarka u l-Irlanda mhux ser jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16)